Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2022

P9_TA(2022)0410

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2022 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (14471/2022 – C9-0386/2022 – 2022/0369(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

(2023/C 167/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (14471/2022),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (C9-0386/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 92, l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.